# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 16 ta' Settembru, 2021**

**Numru 1**

**Rikors Numru 995/17TA**

**Id-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali bħala Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali**
**vs**

**Mark Vella (ID 403080M) u b'digriet tas-6 ta' Diċembru, 2018 ġie msejjaħ fil-kawża l-Avukat Ġenerali ai fini tal-ilment kostituzzjonali u b'digriet tas-27 ta' Frar 2020 isem l-Avukat Ġenerali ġie mibdul għall-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat tad-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali bħala Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali (l-Attur) tat-30 ta'Ottubru 2017 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

"1. Illi permezz ta' rikors ipprezentat fil-25 ta' Gunju 2015 minn Josephine Cutajar (ID 72855(M)) fl-atti tal-Mandat t'Inibizzjoni numru 501/15LSO (kopja tar-rikors qeda tigi hawn annessa u mmarkata bhala **Dok A**), Jossephine Cutajar talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, ghar-ragunijiet indikati fl-istess rikors, tiddikjara illi (i) l-intimat jew terzi mqabbdin minnu ma ottemperawx ruhu kif suppost ma dak provdut u ordnat fil-Mandat t'Inibizzjoni numru 501/15LSO deciz fit-23 ta' April 2015; (ii) tiddikjara illi tali xogholijiet ma sarux taht is-sorveljanza tal-Perit Alan Saliba, (iii) tiddikjara illi l-intimat wettaq xogholijiet li jmorru

oltre minn dak li gie permezz jaghmel bil-provvediment tat-23 t'April 2015 u (iv) taghti dawk l-ordnijiet opportni inkluz … f'kaz li jirrikorru l-elementi skond il-Ligi, issibu hati ta' disprezz lejn l-Awtorita ta' din l-Onorabbli Qorti u timponi penali gusta fil-konfront tieghu.

2. Illi permezz ta' decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti fl-atti tal-Mandat t'Inibizzjoni sudett numru 501/15 LSO fl-ismijiet Josephine Cutajar vs Mark Vella datata 30 t' Ottubru 2015 (hawn annessa bhala **Dok B**) din l-Onorabbli Qorti, wara li rat l-atti kollha ordnat lill-esponenti sabiex jipprocedi bil-procedura ta' disprezz abbazi tal-artikolu 1003A tal-Kap 12.

3. Illi ghalhekk in adempiment ma' dik l-ordni l-esponenti qed jintavola dan ir-rikors guramentat.

Ghaldaqstant in vista tas-suespost, jghid l-intimat ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna illi:-

1. Issib lill-intimat hati ta' disprezz kontra l-awtorita` taghha ai termini tal-artikolu 997 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lill-intimat ghall-pieni ndikati fl-istess artikolu u tikkundannah ghall-prigunerija ghal zmien sa xahar jew ghal multa ta' mhux inqas minn mitejn u tlieta u tletin Euro (€233) u mhux aktar minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2,330) jew ghall-multa u prigunerija flimkien;

3. Timponi kwalunkwe ordni ohra mehtiega fuq l-intimat ai termini tal-artikolu 997 sub-artikolu (2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta nkluz billi tiffissa zmien perentorju sakemm dawn l-istess ordnijiet ghandhom jigu sodisfatti mill-intimat;

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni, u bir-riserva ta' kull dritt ta' azzjoni ulterjuri skond il-ligi."

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Mark Vella (il-konvenut) tal-15 ta' Frar 2018

li permezz tagħha wieġeb u eċċepixxa s-segwenti:

"1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

2. Illi preliminarjament jigi eccepit li l-azzjoni introdotta mir-rikorrenti hija wahda ta' natura penali u kriminali mressqa quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili wara decizjoni tat-30 ta' Ottubru 2015 fl-atti ta' mandat fl-ismijiet Josephine Cutajar vs Mark Vella mandat numru 501/15/LSO quddiem l-istess Prim'Awla tal-Qorti Civili u fid-decizjoni moghtija mill-

Qorti jigi ddikjarat mill-istess Qorti li l-esponent: ‘***agixxa bi ksur tal-ordni espressa taghha***’ u ‘***dan il-fatt wahdu huwa bizzejjed biex iqieghed lill-intimat f'disprezz tal-Qorti***’ japplika l-principju *ne bis in idem* u ghalhekk dina l-Onorabbli Qorti ma tistax terga’ ssib lill-esponent hati ta’ disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti dwar l-istess agir kif mitlub fir-rikors mahluf, u ghaldaqstant l-ewwel talba attrici u dawk konsegwenti ghaliha ghandhom jigu michuda minn dina l-Onorabbli Qorti;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ma jezistux l-estremi sabiex it-talba rikorrenti tigi akkollata ghax fil-fatt ebda att jew ommissjoni ta’ l-esponent ma saret bhala disprezz lejn l-ordni tal-Qorti.

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost fid-decizjoni tal-Prim’Awla tat-23 ta’ April 2015 mill-Imhallef Dr. L. Schembri Orland ordnat li x-xoghlijiet kellhom jsiru skont ir-rakkomandazzjoni tal-perit Alan Saliba jekk kif dettati fl-ewwel rapport tieghu ossija dak tat-22 ta’ April 2015. Irrizulta li skont l-istess Perit Alan Saliba, li rrediega it-tieni rapport tieghu tas-6 ta’ Ottubru 2015, ikkonferma dan kollu u bid-decizjoni tat-30 ta’ Ottubru 2015, tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili preseduta mill-Imhallef Dr. L. Schembri Orland dan kollu gie sancit bl-istess sentenza;

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost permezz ta’ sentenza ohra tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili preseduta mill-Imhallef Dr. Lawrence Mintoff deciza b’mod finali fl-10 ta’ Novembru 2017 bin-numru 288/15/LM rega’ ghal darb’ohra gie kkonfermat li x-xoghlijiet kienu saru kollha skond ir-rakomandazzjonijiet tal-Perit Alan Salba skond id-decizjoni tat-23 ta’ April 2015 mill-Imhallef Dr. L. Schembri Orland. Anzi jinghad li x-xoghlijiet kienu saru b’livell aktar gholi minn dak rakkomandat mill-istess perit kif ammetta hu stess fir-rapport tas-6 ta’ Ottubru 2015;

7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, billi l-proceduri odjerni huma ta’ natura penali, ir-rikorrenti trid tipprova mhux biss l-element materjali tar-reat imma ukoll l-element intenzjonali liema huma nieqsa u dan kif anke ser jigi pprovat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

8. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi rilevat li l-parti interessata ossija Josephine Cutajar kienet sahansitra ddikjarat li ma kienx ghad ghandha interess fit-talba tar-rikors taghha ghad-dikjarazzjoni ta’ disprezz fuq l-esponent u dan kif riportat fid-decizjoni tat-30 ta’ Ottubru 2015;

9. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-interess ta’ Josephine Cutajar kien li fil-fatt ix-xoghol jsir hekk kif rakkomandat u l-biza’ taghha, meta ppresentat ir-rikors tal-25 ta’ Gunju 2015, kien fil-konfront ta’ dak li kellha suspett dwarhu ossija li x-xoghol ma kienx qed isir skont dak rakkomandat. Fil-fatt dan ma kienx minnu u llum il-gurnata anke Josephine Cutajar abbraccat il-konkluzjonjiet tas-sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili deciza fl-10 ta’ Novembru 2017 bin-numru 288/15/LM. Qatt ma kienet il-kwistjoni tas-sorveljanza li

mmotivat ir-rikors taghha. Fil-fatt jirrizulta li x-xoghol kien sar wara li l-esponent kien ikkomunika ma' l-istess perit liema da parti tieghu mar fuq il-post u kien ra x-xoghol in kwistjoni. Dan jirrizulta minn nota pprezentata mill-abbli perit fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2015;

10. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-vertenza bejn il-partijiet giet illum sorpassata specjalment bil-konfermi li inghataw bis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-10 ta' Novembru 2017 bin-numru 288/15/LM;

11. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ir-rikorrenti ghandha tipprova dak li qed tallega;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri tal-intimati."

Rat ir-rikors tal-konvenut tat-2 ta' Ottubru 2018 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

"Illi l-proceduri odjerni huma proceduri essenzjalment ta' natura penali mibdija kontra l-esponent wara provvediment moghti mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili l-atti ta' mandat ta' inibizzjoni fl-ismijiet Josephine Cutajar vs. Mark Vella 501/15/LSO nhar it-30 ta' Ottubru 2015;

Illi fl-imsemmi provvediment moghti mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-30 ta' Ottubru 2015 gie ritenut minn dik il-Qorti illi: ikkonsidrat li l-agir ta' l-esponent, jikkostitwixxi ostakolu ghall-esekuzzjoni tal-Qorti u att ta' disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti;

Illi dak ritetut mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-provvediment huwa kategoriku fis-sens li, minn dak konkluz, l-esponenti huwa hati ta' att ta' disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti;

Illi ghal dawn ir-ragunijiet l-ewwel twegiba fir-risposta mahlufa tal-esponenti hija fis-sens li gej:

1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

2. Illi preliminarjament jigi eccepit li l-azzjoni introdotta mir-rikorrenti hija wahda ta' natura penali u kriminali mressqa quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili wara decizjoni tat-30 ta' Ottubru 2015 fl-atti ta' mandat fl-ismijiet Josephine Cutajar vs Mark Vella mandat numru 501/15/LSO quddiem l-istess Prim'Awla tal-Qorti Civili u fid-decizjoni moghtija mill-Qorti jigi ddikjarat mill-istess Qorti li l-esponent: '***agixxa bi ksut tal-ordni espressa taghha'*** u '***dan il-fatt wahdu huwa bizzejjed biex***

***iqieghed lill-intimat f'disprezz tal-Qorti****'* japplika l-principju *ne bis in idem* u ghalhekk dina l-Onorabbli Qorti ma tistax terga' ssib lill-esponent hati ta' disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti dwar l-istess agir kif mitlub fir-rikors mahluf, u ghaldaqstant l-ewwel talba attrici u dawk konsegwenti ghaliha ghandhom jigu michuda minn dina l-Onorabbli Qorti;

3. Illi preliminarjament ukoll ghas-suespost tali procedura odjerna hija fil-fatt leziva ghall-jedd fondamentali tal-esponet ghal smiegh xieraq kif sancit mill-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artiklu 6 tal-konvenzjoni Ewropea ghall-protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-ligi ta' Malta bis-sahha tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta billi din l-istess Qorti ki diversament preseduta diga esprimiet ruhha u rriteniet dak illi inghad fil-paragrafu precidenti, fid-decizjoni tat-30 ta' Ottubru 2015 jikser il-jedd ta' l-esponent ghall-presunzjoni ta' l-innocenza tieghu u ladarba huwa bis-sahha ta' tali decizjoni illi inbdew il-proceduri odjerni, il-jedd fondamentali ta' l-esponenti mhux biss gie miksur izda x'aktarx ser ikompli jigi miksur il-proceduri odjerni;

Illi l-esponenti jsostni u hu konvint illi l-imsemmi digriet, li huwa l-bazi tal-proceduri odjerni, huwa leziv tal-jedd fondamentali tieghu ghal smigh xieraq kif sancit fl-artikolu39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Ligijiet ta' Malta bis-sahha tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta senjatament l-artikolu 39 (1), (2), (5), (6) u (9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 (1) u (2) tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoi tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali u l-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Ligijiet ta' Malta bis-sahha tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta billi, fost ragunijiet ohra, billi l-fatt illi l-Prim`Awla tal-Qorti Civili gja irriteniet illi minn dak deciz ossija '***agixxa bi ksur tal-ordni espressa taghha***' u '***dan il-fatt wahdu huwa bizzejjed biex iqieghed lill-intimat f'disprezz tal-Qorti***' akkuzat u ipprocessat u kien ukoll gja qieghed jigi dikarat hati bi ksur tal-prezunzjoni ta' l-innocenza tieghu illi tapplika fil-proceduri odjerni. Minn dan isegwi wkoll illi fil-kaz odjern japplika l-principju tan-*ne bis in idem*;

Illi l-esponenti isostni u hu konvint wkoll illi ladarba fid-digriet imsemmi l-Prim'Awla tal-Qorti Civili gja esprimiet ruhha b'mod avvers u irriteniet dak illi inghad fil-paragrafu precedenti fil-konfront ta' l-esponent bi ksur tal-prezunzjoni tal-innocenza tieghu u ladarba huwa bis-sahha ta' tali digriet illi inbdew il-proceduri odjerni, il-jedd fondamentali ta' l-esponenti hawn invokat mhux biss gja gie miksur izda x'aktarx ser ikompli jigi miksur bil-proceduri odjerni jekk l-esponenti ma jinghatax rimedju;

Illi dina l-Onorabbli Qorti ghandha l-kompetenza illi tiehu konjizzjoni ta' talbiet illi jirrigwardaw il-vjolazzjoni ta' drittijiet kostituzzjonali u

konvenzjonali u dana skont ma jiddisponu l-artikolu 46(1) u (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 4(1) u (2) tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Ligijiet ta' Malta u dan kif gie stabbilit fil-kawza numru 1111/2017/LSO provvediment datat 14 ta' Mejju 2018 fl-ismijiet Direttur tal-Qrati Civili u Tribunali vs. Vella Nadia et;

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi u ghal dawk ir-ragunijiet kollha illi ser jirrizultaw matul it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, l-esponenti umilment jitlob illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

(1) tiehu konjizzjoni ta' l-ilment kostituzzjonai u konvenzjonali mqajjem mill-esponenti fir-risposta mahlufa tieghu u f'dan ir-rikors;

(2) tordna l-kjamata fil-kawza ta' l-Avukat Generali billi huwa kuntradittur legittimu ghall-ilment kostituzzjonali imqajjem mill-esponenti;

(3) tiddikjara u tiddeciedi illi l-fatti suesposti, senjatament il-provvediment moghti mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar it-30 ta' Ottubru 2015 jaghtu lok u jikkostitwixxu ksur tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti senjatament tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u tal-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Ligijiet ta' Malta;

(4) tiddikjara u tiddeciedi wkoll illi d-drittijiet fundamentali ta' l-esponenti sanciti fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u ta' fl-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Ligijiet ta' Malta bis-sahha tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta x'aktarx ser ikomplu jigu miksura fil-proceduri odjerni ladarba huwa bis-sahha ta' tali digriet illi inbdew il-proceduri odjerni u ladarba fil-provvedment imsemmi l-Prim'Awla tal-Qorti Civili gja esprimiet ruhha b'mod avvers u irriteniet dak illi inghad fil-korp ta' dan ir-rikors fil-konfront ta' l-esponent bi ksur, fost l-ohrajn, tal-prezunzjoni ta' l-innocenza tieghu;

(5) taghti dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali ta' l-esponenti hekk kif garantiti taht il-Kostituzzjoni ta' Malta u that il-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali u dana billi, fost affarijiet ohra, tiddikjara illi d-digriet moghti mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-30 ta' Ottubru 2017 huwa null u bla effett fil-konfront tieghu;

u dana taht dawk il-provvedimenti kollha illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni."

Rat id-digriet tagħha tas-6 ta' Diċembru 2018 li permezz tiegħu laqgħet l-ewwel talba li permezz tiegħu issejjaħ fil-Kawża l-Avukat Ġenerali, illum Avukat tal-Istat, fil-waqt li qalet li ser tipprovdi mit-tielet (3) sal-ħames talba (5) fi stadju ulterjuri tal-Kawża.

Rat ir-risposta tad-Direttur attur għar-rikors imsemmi tal-konvenut u senjatament għat-tielet u ħames talbiet li permezz tagħha wieġeb is-segwenti (a' fol 67):

"1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti, kif kontenuti fir-Rikors datat it-tieni (2) ta' Ottubru tas-sena kurrenti u enumerati minn tlieta (3) sa hamsa (5) huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt u dan peress illi ma hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu, kemm sanciti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u kif ukoll fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u wkoll, tal-Libertajiet Fundamentali, u kif ukoll tal-Libertajiet Fundamentali u tal-Artikolu 4 tas-7 Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajit Fundamentali kif inkorporati fil-Kap 319 tal-Ligijiet ta Malta, u dan peress illi minkejja illi l-Prim'Awla tal-Civili diga rriteniet illi l-intimat '***agixxa bi ksur tal-ordni espressa taghha u dan il-fatt wahdu huwa bizzejjed BIEX IQIEGHED LILL-INTIMAT F'DISPREZZ TAL-QORTI,*** hija imponiet l-ebda sanzjoni, IZDA sempliciment ordnat lir-Registratur tal-Qrati sabiex jiehu l-passi opportuni kontra l-intimat, stante li kien hemm lok ghal disprezz ta' ordni taghha. Ghaldaqstant,il-**funzjoni** ta' dik l-Onorabbli Qorti kien wiehed specifiku u cioe li speci ta' *tinvestiga* u tara jekk kienx hemm lok li jittiehdu passi kontra l-intimat.

2. *Ergo* l-funzjoni ta' dik il-Qorti, kien kompletament differenti minn ta' din l-Onorabbli Qorti li issa ghandha funzjoni totalment differenti u *cioe* li tara jekk effettivament, MILL-PROVI PRODOTTI QUDDIEMHA kienx hemm lok ghal disprezz ta' ordni tal-Qorti jew le, u li f'kaz ta' sejbien ta' ksur, timponi dik is-sanzjoni li jidhrilha xierqa.

3. Konsegwentement, dak *gia* dikjarat mill-Prim'Awla tal-Onorabbli Qorti Civili, kif diversament preseduta ma huwa se jkun ta l-ebda influwenza

jew effett fuq din l-Onorabbli Qortu, u dan peress illi, kif diga gie sottomess, din il-Qorti kif presedutta se tiddeciedi l-kaz fuq il-provui **mressqa quddiemha biss u mhux a bazi ta' kwalunkwe dikjarazzjonijiet li setghu saru precedentement minn xi Qorti ohra**. Allura jfisser illi ma hemmx lok ghal *ne bis in idem* u dan peress illi l-intimat mhux se jaffaccja proceduri dobbji fuq l-istess fatt kif jitlob dan il-principju;

4. Illi l-funzjoni li kellha l-Qorti, fl-ewwel stadju ta' dawn il-proceduri, jixbah hafna l-funzjoni ta' Qorti Inkwerenti fil-ligi Kriminali, li xogholha jkun limitat biss li tara kekk hemmx lok li jittiehdu passi kontra persuna/i. Illi huwa *ormai* principju stabbilit mill-Gurisprudenza nostrana, illi l-konkluzjonijiet tal-Magistrat Inkwerenti ma jikkostitwiex ksur tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, anke jekk kellha tkun l-istess Magistrat li tiddeciedi l-kaz wara li tisma l-provi.

5. Illi dan il-ghax ikun opportun illi wiehed jistharreg il-principju tan-*ne bis in idem*. Illi b'referenza ghall-kazistika tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, din il-kwestjoni tan-*ne bis in idem* giet mistharrga b'mod dettaljat mill-Qorti Ewropea fil-kaz **Sergey Zolothukin v Russia** tal-ghaxra (10) ta' Frar, tas-sena elejn u disgha (2009). Il-Qorti kellha taghmel ezami tal-gurisprudenza taghha u in vista ta' xi inkonsistenzi qieset li ghandha taghti interpretazzoni ewlenija u li tkun applikata dejjem ghax inkella l-ispirtu tal-Konvenzjoni fir-rigward ta' *ne bis in idem* ma jkunx qed jintlahaq;

Il-Qorti bhala Grand Chamber iddecidiet li l-pern ta' kollox huwa fuq l-istess fatt. Hi spjegat il-principju billi sahqet illi jkun hemm *ne bis in idem* u allura ma jistax ikun hemm prosekuzzjoni tat-tieni offiza meta l-fatti tat-tieni offiza huma identici jew similari ghall-fatti li wasslu biex kien hemm l-ewwel offiza:

> 81. "The Court further notes that the approach which emphasises the legal characterisation of the two offences is too restrictive on the rights of the individual, for if the Court limits itself to finding that the person was prosecuted for offences having a different legal classification it risks undermining the guarantee enshrined in Article 4 of Protocol No. 7 rather than rendering it practical and effective as required by the Convention (compare Franz Fischer, cited above, § 25).
>
> 82. According, the Court takes the view that Article 4 of Protocol No. 7 must be understood as prohibiting the prosecution or trial of a second "offence" in so far as it arises from identical facts or facts which are substantially the same."

Illi dan il-kaz sucitat li ghamel tentattiv biex jarmonizza u jipprovdi konsistenza gie mbaghad ikkonfermat sussegwentement mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem f'kazijiet ohra fosthom **PIRTTIMÄKI V FINLAND** (*Application no. 35232/11)* JUDGEMENT (29 May 2014)

Accordingly, the Court took the view that Article 4 of Protocol No.7 had to be understood as prohibiting the prosecution or trial of a second "offence" in so far as it arose from identical facts or facts which were substantially the same. It was therefore important to focus on those facts which constituted a set of concrete factual circumstances involving the same defendant and inextricably linked together in time and space, the existence of which had to be demonstrated in order to secure a conviction or institute criminal proceedings.

6. Illi ghalhekk huwa car illi l-principju tan-*ne bis in idem* japplika biss ghal kaz meta persuna tkun qed jigi processata minn Qorti Kriminali. Kif diga ntqal, fl-ewwel stadju ta' dawn il-proceduri, certament illi l-intimat ma kienx qed jigi processat, u ghalhekk huwa ma jistax isostni illi qed jigi processat dobbjament fuq fatti li huma simili jew sahansitra identici.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet suesposti, t-talbiet tal-intimat kif dedotti minnu fir-Rikors datat it-tnejn (2) ta' Ottubru tas-sena kurrenti elfejn u tmintax (2018), ghandhom jigu MICHUDA fl-intier taghhom, bl-ispejjez kontra l-istess intimat Mark Vella."

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat (konvenut avukat) tad-19 ta' Frar 2019 li permezz tagħha wieġeb is-segwenti (a' fol 73):

"Illi Mark Vella qieghed jilmenta minn ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan ghaliex gew istitwiti proceduri kontrih min naha tar-rikorrent Direttur minhabba disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti fil-kawza numru 501/2015LSO fl-ismijiet Josephine Cutajar vs. Mark Vella.

Illi esponenti jirrespingi l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt ghas-segwenti ragunijiet li huma minghajr pregudizzju ghal xulxin:

1. Illi l-esponent jirrileva minnufih li m'huwiex minnu li l-proceduri ta' disprezz huma ta' natura penali izda huma ikkunsidrati se mai bhala proceduri ta dixxiplina li jemergu mid-dover inerenti tal-Qorti li zzomm il-buon ordni u li tassikura l-andament gust tal-proceduri li jkunu qed isiru quddiemha tant li dinil-kawza hija regolata bil-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u giet istitwita fil-Qorti Civili Prim Awla.

2. Illi l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ma japplikax f'kazijiet ta' proceduri ta' disprezz u dan kif gie ritenut fis-sentenzi Putz vs. Austria tat-22 ta' Jannar 1996 u Ravensborg vs. Sweden tat-23 ta' Marzu 1994 mill-Qorti ta' Strasbourg.

3. Illi fi kwalunkwe kaz id-digriet tat-30 ta' Ottubru 2015 bl-ebda mod m'hu leziv ghad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ghaliex ma jammontax ghal xi decizjoni dwar htija tar-rikorrenti izda kien biss ordni minn Qorti li ordnat lid-Direttur sabiex jigu inizjati proceduri ta' disprezz u dan ai termini tal-artikolu 70 u 1003A tal-Kap 12. Proceduralment il-Qorti imxiet ezatt skond il-ligi u konsegwentement u gustament id-Direttur istitwixxa dawn il-proceduri odjerni hekk kif gie ordnat li jaghmel mill-Qorti. Pero` il-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ebda hin ma ppronunzjat ruhha dwar htija u wisq inqas ma imponiet piena ghal dak l-allegat disprezz. Ghalhekk hawnhekk zgur li m'ghandiex kaz ta' *ne bis in idem*.

4. Huwa f'dawn il-proceduri odjerni quddiem din l-Onorabbli Qorti li ser jigi determinat il-mertu dwar jekk kienx hemmd disprezz jew le u mhux necessarjament din il-Qorti issib htija u dan kif per ezempju gara fil-kawza 319/2015/LSO fl-ismijiet *Direttur Qrati Civili u Tribunali bhala Registratur Qrati u Tribunali Civili vs. Maria Beck* fejn il-Qorti sabet li ma kienx hemm l-estremi ta' disprezz.

5. Illi ghalhekk m'hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u ghalhekk it-talbiet ghandhom jigu michuda.

6. Bl-ispejjez."

Semgħet ix-xhieda prodotti fil-perkors tas-smiegħ dwar il-vertenza;

Rat l-atti u dokumenti kollha;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-Avukat tal-Istat;

Rat li l-kawża tħalliet għallum biex tingħata deċiżjoni dwar il-vertenza kostituzzjonali.

**Il-Vertenza**

**1.** Il-kwistjoni mqanqla bir-rikors tal-konvenut tat-2 ta' Ottubru 2018, hija waħda ta' indole kostituzzjonali, imqanqla fil-perkors tar-rikors ġuramentat tal-Attur. Fis-sempliċita' tiegħu l-ilment huwa invokazzjoni ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tal-Attur kif imħarsa minn artikoli 39 u 6 tal-

Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni rispettivament, minħabba dikjarazzjonijiet li għamlet il-Qorti fid-digriet tagħha tat-30 ta' Ottubru 2015 fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 501/2015/1 meta sabet li kien hemm lok li jittieħdu proċeduri għad-disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti u dan ai termini tal-1003A tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta li jiddisponi hekk:

*"Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu, f'kull proċediment għal disprezz lejn l-awtorità tal-qorti, ir-Reġistratur għandu jibda, kif jiġi ordnat mill-Qorti, il-proċedimenti meħtieġa u għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi huwa għandu jitqies bħala l-attur".*

**Konsiderazzjonijiet**

**2.** Qabel ma din il-Qorti tara jekk hemmx ksur tad-drttijiet fundamentali fuq imsemmija, sejra l-ewwel teżamina l-indole tal-azzjoni mertu ta' dawn il-proċeduri. Jiġifieri jekk hiex waħda ta' indole penali.

*<u>In-natura tal-azzjoni</u>*

**3.** Din il-Qorti tħoss li l-ewwel ma għandha tistabilixxi n-natura ta' azzjoni ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti. F'dan ir-rigward it-tagħlim ta' dawn il-Qrati jista' jservi ta' gwida tajba.

**4.** Fis-**Sentenza fl-ismijiet Reġistratur tal-Qrati Superjuri -vs- Kristinu Giordmaina tal-25 ta' Settembru 2003** intqal hekk:

*"Il-proċedura ta' disprezz għandha natura partikulari. Hija maħsuba biex tħares ir-rispett li għandu jinġieb lill-Qorti. Waħda mis-setgħat ewlenin ta' kull Qorti hija li tagħti ordnijiet lil xi ħadd, kemm jekk biex il-persuna tagħmel xi ħaġa jew biex dik il-persuna ma tagħmilx xi ħaġa. Kif jgħallem Lord Denning, 'This kind of contempt has the characteristics which are common to all contempts of Court. It is a criminal offence. It must be proved beyond reasonable doubt. (In re Bramblevale Limited – 1970)."*

*Illi minbarra dan xilja ta' disprezz iġġib magħha l-ħtieġa li tiġi ppruvat, minn min qiegħed jixli, il-fehma tal-persuna mixlija li tisfida l-ordni tal-Qorti u b'konsegwenza ta' hekk l-awtorita' tagħha. Illi madankollu din l-intenzjoni ma tiddependix minn jekk il-persuna mixlija tqisx l-ordni mogħtija lilha bħala wieħed korrett jew le; is-siwi ta' dik l-ordni, sakemm ma jitħassarx' b'ordni ieħor tal-Qorti nnifisha jew ta' Qorti oħra, huwa raġuni oġġettiva li torbot lill-mixli li joqgħod għaliha, jaqbel jew ma jaqbilx magħha."*

**5.** Il-Qrati tagħna, ma qagħdux lura milli jannullaw ordni bħal dik fejn irrisulta li dik l-ordni kienet waħda bla siwi (Ara **Appell Ċivili, fl-ismijiet Edward Camilleri vs Carmelo Vella tas-7 ta' Ottubru 1997**). Di piu' f'kawżi bħal dawn, l-Attur ma għandu xejn x'jirbaħ għajr li jiżgura li tkun imħarsa l-amministrazzjoni tal-ġustizzja (**Ara Vol. LXXIV-iii-546**). Intqal ukoll li dak li għandha tistabilixxi l-Qorti ai fini tal-artikolu 1003A huwa jekk l-allegazzjoni imressqa mill-parti interessata tirriżultax *prima facie* (ara Digriet tal-**Prim Awla tas-27 ta' Ottubru 2016 fl-atti tal-Mandat ta'**

**Inibizzjoni Nru. 1924/13/3/LSO, fl-ismijiet: Paola Cassar -vs- Joseph Zammit**). F'dan id-digriet il-frażi *prima facie* hija użata fil-kuntest ta' dak eżaminat ai fini tal-artikolu inkwistjoni.

**6.** Din il-Qorti taqbel, li fl-istadju ta' meta għandhom ikunu eżaminati l-fatti ai fini tal-artikolu 1003A, il-Qorti hija ristretta li tistabilixxi biss jekk prima facie hemmx lok li jittieħdu proċeduri għad-disprezz. Ma hux kompitu ta' dik il-Qorti li tistabilixxi definittivament li hemm disprezz. Dak l-apprezzament għandu jkun mħolli lil dik il-Qorti li tiġi adita teżamina biex tistabilixxi li fil- fatt kien hemm disprezz.

**7.** Din id-distinzjoni hija ta' importanza partikulari f'din il-Kawża għaliex l-ilmenti imqanqla mill-konvenut kemm kostituzzjonali u anke konvenzjonali jirrigwarda l-fatt li dawn il-proċeduri huma ta' natura kriminali. Diġa' sar aċċenn ċar għal dan l-aspett aktar 'il fuq. Iżda kieku dan ma kienx biżżejjed, ma hemmx dubbju li proċeduri bħal dawn huma ta' ordni pubbliku. Fil-fatt huma ta' natura kriminali anke jekk deċiżi mill-Qrati Ċivili u mhux dawk Kriminali. Din il-Qorti per eżempju fil-kawża fl-ismijiet **Reġistratur tal-Qorti -vs-Anthony Gauci deċiża 11 ta' Lulju 2001** kellha hekk xi tgħid: "jidher ċar li dan il-proċediment huwa ta' indoli kriminali. Il-fatt li l-istess proċediment jiġi introdott b'ċitazzjoni ċioe' att li ordinarjament jintuża f'azzjonijet ċivili ma jneħħi xejn min-natura kriminali." L-istess intqal fil-kawża fl-ismijiet **Catherine Portelli vs Joseph Cachia tat-28 ta' Jannar 1991 mill-Qorti ta' l-Appell**. Għalkemm wieħed għandu dejjem iħares lejn

il-klassifika tar-reat jew disposizzjoni skond il-liġi domestika wieħed minn naħa l-oħra n-natura tar-reat hija importanti, peress il-kriterju verament determinanti huwa dak tan-natura u l-gravita` tal-"piena" jew "konsegwenza" li ssegwi jekk dak li jkun jinstab li jkun kiser dik id-disposizzjoni (**Dijk u van Hoof 27 para. 83. 28, paġni 410 sa 416**). Iġifieri jkun hemm mumenti, meta sabiex tasal għall-konklużjoni dwar ir-rejalta' tan-natura ta' liġi partikulari jekk timportax karatteristiċi penali, it-test irid ikun aktar komprensiv u oġġettiv.

**8.** Li hawn si tratta ta' rejat kriminali jemerġi ukoll minn dak li jipprovdi l-artikolu 997 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta:

*"(1) Fi proċedimenti istitwiti għal xi att jew ommissjoni li tammonta għal disprezz lejn l-awtorità tal-qorti, il-ħati jista', mal-kundanna, jiġi kkundannat għal priġunerija għal żmien sa xahar jewgħal multa ta' mhux inqas minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) iżda mhux iktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu jew għall-multa u l-priġunerija flimkien.*

*(2) Il-qorti tista', ukoll jekk tkun tat xi piena lil min jagħmel ir-reat, tordnalu t-tneħħija ta' kull diżordni jew inkonvenjent li bih ikun sar ir-reat fi żmien biżżejjed għal dan il-għan iżda f'ebda każ iktar minn tliet xhur mid-data tas-sentenza, li tiġi stabbilita mill-qorti; u jekk min jagħmel ir-reat jonqos milli jħares xi ordni bħal dak fiż-żmien hekk stabbilit, hu jeħel penali ta' ammenda ta' mhux inqas minn tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin*

*ċenteżmu (23.29) u mhux iktar minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu(116.47) kif il-qorti tistabbilixxi, għal kull ġurnata li matulha jkompli n-nuqqas wara li jgħaddi ż-żmien imsemmi".*

**9.** Għalhekk il-pieni stabbiliti minn dan l-artikolu ma jħallu ebda dubbju li tali sanzjonijiet jirrendu l-azzjoni kontemplata taħt artikolu 1003A waħda ta' natura kriminali. Għall-fatt biss waħdu, li tali disprezz jista' jwassal għad-deprivazzjoni tal-liberta' tal-persuna bl-imposizzjoni ta' piena karċerarja, l-konsegwenza hi, li tali azzjoni hija fortementement ta' natura kriminali.

<u>*Jekk hemmx ksur tad-drittijiet fundamentali*</u>

<u>Il-prinċipju ne bis in idem artikoli 39(9) u 4 tal-Protokoll 7 tal-konvenzjoni.</u>

**10.** Il-konvenut jargumenta li ġaladarba l-Qorti għamlet ċertu dikjarazzjonijiet li kienu kategoriċi dwar il-kummissjoni o meno ta' atti ta' disprezz da parti tiegħu, tenut kont li din l-azzjoni hija ta'natura kriminali, isegwi li b'dak li qed jintalab f'din il-Kawża ser jinkiser id-dritt tiegħu kif imħares minn artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni.

**11.** Dan l-artikolu jistabilixxi hekk:

*"Ebda persuna li turi li tkun għaddiet proċeduri quddiem xi qorti kompetenti għal reat kriminali u jew tkun ġiet misjuba ħatja jew liberata ma għandha terġa' tgħaddi proċeduri għal dak ir-reat jew għal xi reat kriminali ieħor li*

*għalih setgħat tiġi misjuba ħatja fil-proċeduri għal dak ir-reat ħlief wara ordni ta' qorti superjuri mogħti matul il-kors ta' appell jew proċeduri ta' reviżjoni dwar id-dikjarazzjoni ta' ħtija jew liberazzjoni; u ebda persuna ma għandha tgħaddi proċeduri għal reat kriminali jekk turi li tkun ħadet il-maħfra għal dak ir-reat".*

**12.** Insibu rifless ta' dan l-artikolu fil-Konvenzjoni permezz ta' artikolu 4(1) tas-sebgħa protokoll jiddisponi hekk:

*"d-dritt li persuna ma tiġix ipproċessata jew ikkastigata darbtejn:*
*Ħadd ma jista' jkun ipproċessat jew jerġa' jiġi kkastigatgħal darb'oħra fi proċedimenti kriminali taħt il-ġurisdizzjoni tal-Istess Stat għal xi reat li dwaru jkun diġà ġie finalment liberat jewmisjub ħati skont il-liġi u l-proċedura penali ta' dak l-Istat."*

**13.** Il-Qorti ghalhekk ser tqis anke dan l-artikolu minkejja li ma hux espressament ċitat mill-konvenut fl-ilment tiegħu, abbażi tal-prinċipju li l-Qorti għandha setgħa li minn jeddha tqis anke dawk l-artikoli kollha rilevanti għall-ħarsien ta' dritt fundamentali fil-kuntest tal-mertu li jkollha quddiemha. (**Ara Sentenza fl-ismijiet Pulizija -vs- Mario Zammit [Q. Kost 18.7.2017]**).

**14.** Fil-kuntest ta' dan l-artikolu dawn il-Qrati korrettament jirritjenu li "*li l-fatt waħdu li jeżisti bħala artikolu għalih ma jneħħihx mill-ambitu tal-ħarsien ta' jedd għal smigħ xieraq kif imħares bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, u dan*

*il-fattur jidher li għadu sal-lum il-ġurnata mħolli miftuħ ukoll fid-deċiżjonijiet tal-organi ġudizzjarji kompetenti konvenzjonali. Madankollu, lanqas ma jista' jingħad li l-artikolu 4 huwa għal kollox ħaġa waħda mal-artikolu 6, għaliex fil-fatt m'huwiex, la fit-tfassila tiegħu u lanqas fl-għanijiet li għalihom huwa maħsub. L-artikolu 6, bħala artikolu ta' firxa usa', iħares il-jedd ta' smigħ xieraq kollu kemm hu, magħduda fih il-prinċipju li, f'qasam penali, persuna ma terġax tgħaddi proċeduri kriminali dwar l-istess reat. Imma dan ma jfissirx li l-artikolu 4 tal-Protokoll huwa għal kollox assorbit fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Kemm hu hekk, l-artikolu 4 huwa limitat għal proċedimenti ta' għamla kriminali meħudin kontra l-istess persuna fl-ambitu tal-istess ġurisdizzjoni ta' Stat partikolari"* (ara **Sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-10 ta' Jannar, 2005 Appell Ċivili Numru 16/2003/1 fl-Atti tar-Referenza tat-30 ta' Mejju, 2003, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (Maġistrat Dott. Miriam Hayman) fl-Atti tal-Kawża fl-ismijiet: Il-Pulizija (Spettur Angelo Caruana) v. Anthony Zammit, John Woods u Ahmed Esawi Mohamed Fakr** ara ukoll **Blokker -vs- The Netherdlands ECHR 7 ta' Ottubru 2000).**

**15.** Ma hemm ebda raġuni għalfejn din id-distinzjoni bejn smiegħ xieraq u l-prinċipju tan-*ne bis in idem* ma għandux japplika ukoll għall-artikolu 39(1) u (9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Dawn huma l-prinċipji ekwivalenti u kważi verbatim għal dawk konvenzjonali. Fl-aħħar mill-aħħar hija s-sustanza tal-prinċipju fih innifsu li jgħodd. Għalhekk ir-raġunament fuq imsemmi fir-rigward tal-artikoli 6(1) u artikolu 4 tas-sebgħa Protokoll tal-

Konvenzjoni huma ugwalment applikabbli għall-artikoli 39(1) u (9) tal-Kostituzzjoni.

**16.** Dan ifisser li l-ermenewtika tal-ECHR għandha valur sabiex tiggwida lil dawn il-Qrati dwar l-interpretazzjoni u applikazzjoni ta' dan il-prinċipju. Fil-qosor, dik il-Qorti tistabilixxi tlett kriterji sabiex dak li jkun jasal għall-konklużjoni jekk il-ħarsien mogħti taħt artikolu 4 tal-protokoll 7 tal-Konvenzjoni hux qiegħed jinkiser jew x'aktarx li jinkiser. Dak li ser jingħad dwar dan l-artikolu huwa għalhekk similment applikabbli għall-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni għar-raġunijiet fuq spjegati.

**17.** Il-ECHR tinsisti fuq dawn it-tlett kriterji kif stabbiliti fis-**Sentenza ta' Engel u oħrajn -vs- The Netherlands.** L-ewwel kriterju huwa dak ta' klassifikazzjoni tal-liġi partikulari tal-pajjiż. Dwar dan diġa' ġie stabbilit aktar il-fuq, li l-azzjoni meħuda taħt artikolu 1003A huwa tax-xorta kriminali. It-tieni kriterju huwa n-natura tal-offiża, f'dan il-każ l-allegat għemil ta' disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti**.** It-tielet kriterju jirrigwarda l-grad u severita' ta' kastig jew sanzjoni li l-persuna tista' tkun riskju li tkun assoġettata għalih. F'dan il-każ kif aċċennat aktar 'l fuq, il-persuna tista' tkun assoġġettata għall-pieni stabbiliti minn artikolu 997 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta **(ara Sergey Zolotukhin v. Russia [GC], § 53)** u **A and B v. Norway [GC], §§ 105-107; Ghoumid and Others v. France, § 68**). Tajjeb ukoll li jiġi rilevat li t-tieni u t-tielet kriterji ma humiex kumulattivi.

Għalhekk, mankati wieħed minnhom ikun riskontrat ksur tal-artikolu 4 tas-sebgħa Protokoll tal-Konvenzjoni.

**18.** Il-Qorti qrat sewwa d-digriet tat-30 ta' Ottubru 2015 u ma tistax ma tinnotax is-segwenti dikjarazzjonijiet magħmula mill-Qorti obiter:

"*Il-Qorti taghraf li l-iskop ghan-nomina ta' Perit fid-digriet tat-23 ta' April 2014 gie ghal kollox newtralizzat* ***bl-agir unilaterali u abusiv tal-intimat*"** (Emfażi tal-Qorti a' fol 22)

"*Il-Qorti ma tistax tinjora li ma saru l-ebda xogholijiet taht is-supervizjoni tal-Perit Tekniku.* ***Illi dan il-fatt wahdu huwa bizzejjed biex iqieghed lill-intimat f'disprezz tal-Qorti.***" ( Emfazi tal-Qorti ara a' fol 23)

"*In oltre l-Qorti tqis li* **gie ppruvat** *f'dan l-istadju li wara il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni fl-istess ismijiet premessi (Numru 501/2015LSO) l-intimat personalment jew tramite terzi baqa' ghaddej bix-xogholijiet imsemmija fid-digriet ossia Mandat ta' Inibizzjoni imsemmija minghajr sorveljanza tal-Perit nominat u* ***b'hekk agixxa bi ksur tal-ordni espressa sahha****.*" (Emfażi tal-Qorti a' fol 25).

**19.** Il-Qorti tfakkar dak li rrilevat aktar 'l fuq. Fl-istadju li kienu fihom il-proċeduri, il-kompitu ta' dik il-Qorti kien li tistabilixxi jekk hemmx *prima facie* każ biex jittieħdu proċeduri abbażi tal-artikolu 1003A tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. Mill-partijiet ċitati mid-digriet, huwa ċar li dik il-Qorti marret lil hinn minn hekk. Kienet wisq kategorika u imperattiva fil-konklużjonijiet tagħha.

Dak li suppost għandha tgħid din il-Qorti, qalitu hi. Ma kienx kompitu tagħha li tistabilxxi ħtija, kif fil-fatt għamlet, fl-istadju ta' dik il-proċedura.

**20.** Huwa minnu, li ma imponiet ebda sanzjoni jew piena u dan għaliex hija materja riservata għal din il-Qorti bħal ma hi hekk ukoll riservata d-dikjarazzjoni ta' ħtija. Konsegwentment u abbażi tat-tielet kriteju fuq imsemmi, meta dik il-Qorti awtorizzat lir-Reġistratur jipproċedi, dan għamlitu billi esponiet lill-konvenut għar-riskju ta' piena li tipprivah mil-liberta' tiegħu.

**21.** Għalhekk fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti issib li tassew ġew miksura d-drittijiet fundamentali tal-bniedem tal-konvenut kif imħarsa taħt artikoli 39(9) u 4 tas-sebgħa protokoll tal-Kostituzzjoni u Konvenzjoni rispettivament.

*<u>Artikoli 39(5) u 6(2) tal-Kostituzzjoni u Konvenzjoni rispettivament.</u>*

**22.** Il-Qorti setgħet waqfet hawn wara s-sejba ta' responsabbilita' fuq imsemmija, iżda għall-kompletezza tħoss li għandha tidħol anke fl-aspett ta' presunzjoni ta' innoċenza. Dan id-dritt fundamentali huwa imħares mill-artikoli hawn imsemmija li rispettivament jiddisponu hekk:

*"Kull min jiġi akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm jiġi pruvat jew ikun wieġeb li huwa ħati".*

U

*"Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix pruvat ħati skont il-liġi".*

**23.** Prattikament iż-żewġ disposizzjonijiet huma riproduzzjoni ta' xulxin. Għalhekk huwa minn awl id-dinja, li apparti l-pronunzjamenti tal-Qrati lokali, huma ukoll validissimi dawk li tal-ECHR.

**24.** F'dan ir-rigward fil-każ fl-ismijiet **Brabera Messegue et -vs- Spanja (Application number 10590/83)** intqal hekk:

"*The presumption of innocence will be violated if, without the accused's having previously been proved guilty according to law, a judicial decision concerning him reflects an opinion that he is guilty".*

**25.** Dan intqal ukoll fir-rigward ta' persuni f'karigi pubbliċi, fejn l-għażla tal-kliem f'dikjarazzjonijiet pubbliċi, anke jekk magħmula bl-aħjar intenzjoni biex jgħarrfu lill-pubbliku in ġenerali, għandhom ikunu magħmula b'diskrezzjoni biex ma jintralċawx fuq dan il-prinċipju u għalhekk jinħoloq dak li huwa magħruf bħala *"pre trial prejudice"*. Di fatti l-*Guide Notes on article 6* jispjega hekk:

*"However, respect for the presumption of innocence requires that the authorities use all the necessary discretion and circumspection (see Allenet de Ribemont, judgment quoted above, ibidem). Article 6 § 2 will be violated if a statement of a public official concerning a person charged with a criminal offence reflects an opinion that he is guilty before he has been*

*proved so according to law. It suffices, even in the absence of any formal finding, that there is some reasoning to suggest that the official regards the accused as guilty. In this respect, the Court has emphasised the importance of the choice of words by public officials in their statements to the press before a person has been tried and found guilty of an offence (Daktaras v. Lithuania, no. 42095/98, §§ 41 and 44, ECHR 2000-X, and Butkevičius v. Lithuania judgment quoted above, §§ 49-50).”* (Ara ukoll **Applikazzjoni no. 6569/04 Noel Arrigo u Patrick Vella kontra Malta**).

**26.** Il-prinċipju ta' presunzjoni ta' innoċenza huwa miksur jekk deċiżjoni ġudizzjarja, fil-każ ta' persuna akkużata b'rejat kriminali, tgħaddi kummenti jew tagħti opinjoni li tissuġerixxi li dik il-persuna hija ħatja tal-offiża qabel ma' Qorti oħra, kompetenti u adita biex tgħaddi Sentenza dwar il-ħtija. In-nuqqas ta' ħsieb li jinkiser dan l-artikolu f'dak li jkun intqal, ma jeskludix li dan il-prinċipju jinkiser. Huwa biżżejjed li jissussisti xi xorta ta' raġunament li Awtorita' jew l-Qorti, tkun qed tqis lill-persuna ħatja meta ma kienitx fil-kompetenza tagħha li tagħmel dan.

**27.** Per eżempju l-frażi "*firm conviction that the applicant had again committed an offence*" ġiet meqjusa bħala li tikser l-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni (ara **El Kaada -v- Germany, §§ 61-63 u kif ukoll Minelli -vs- Switzerland, § 37; Nerattini -vs- Greece, § 23; Didu -vs- Romania, § 41; Gutsanovi -vs- Bulgaria, §§ 202-203**). Fil-kas li għandha quddiemha din il-Qorti, il-frażijiet ċitati mid-digriet tat-30 ta' Ottubru 2015 huwa

manifestament ċar li l-Qorti kienet aktar minn konvinta, anzi deċiżivament deċiża dwar il-ħtija tal-konvenut.

**28.** It-tagħlim tal-ECHR ġie abbraċjat minn dawn il-Qrati f'diversi Sentenzi, iżda jispikka l-aktar fis-**Sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tad-19 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet Il-Pulizija -vs- Dr. Noel Arrigo et.** Din kienet Sentenza dwar referenza Kostituzzjonali waqt proċeduri kriminali. Il-Prim Ministru ta' dak iż-żmien, Dr. Eddie Fenech Adami ta konferenza stampa in rigward allegat tixħim ta' żewġt Imħallfin. F'din il-konferenza qal xi kliem, li għalkemm ma kienux kategoriċi , kienu pero' jissuġerixxu ħtija. F'dak il-każ, il-Qorti Kostituzzjonali sabet li kien hemm ksur, kemm tal-artikolu 39(1) u (5) tal-Kostituzzjoni u kif ukoll tal-artikolu 6(1) u (2) tal-Konvenzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti imxiet fuq stregwa tat-tagħlim tal-ECHR fuq imsemmi.

**29.** Dak inhar il-Prim Ministru kien għamel riserva li l-pubbliku kellu jistenna r-risultat finali tal-proċeduri. B'dana kollu l-Qorti qalet: *"…l-appell tal-Onorevoli Prim Ministru "… lill-pubbliku sabiex jistenna r-rizultati tal-investigazzjonijiet skond il-ligi …", ma tantx kellhom effett, tant illi, fi kliem l- Qrati tal-Gustizzja ahhar parti tal-paragrafu 53 tas-sentenza Butkevicius v. Lithuania, il-kliem lamentat mill-appellanti "served to encourage the public to believe him [fil-kaz odjern "them", jigifieri l-appellanti] guilty …".* Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-osservazzjoni li għamlet il-Qorti f'din il-parti tas-Sentenza hija indikattiva ukoll, kemm dawn il-Qrati huma ġelużi li ma

jħallux li jinkisru d-drittijiet tal-bniedem, l-anqas meta d-dikjarazzjonijiet tal-Awtoritajiet ma jkunux daqstant kategoriċi. Mela kemm aktar hemm ksur meta jkunu kategoriċi bħal ma fil-fatt huma s-siltiet ċitati mid-digriet tat-30 ta' Ottubru 2015.

**30.** Għalhekk anke f'dan ir-rigward, din il-Qorti taqbel mal-konvenut li dak id-digriet kisirlu d-dritt tiegħu li jkun presunt innoċenti abbażi tal-artikoli minnu ċitati kemm taħt il-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt il-Konvenzjoni.

<u>Artikoli 39(1) u 6(1) tal-Kostituzzjoni rispettivament.</u>

**31.** La darba din il-Qorti sabet li hemm ksur taħt artikoli 39(5) u 6(2) tal-Kostituzzjoni u Konvenzjoni rispettivament, l-anqas jista' jkun li ma hemmx ukoll ksur ta' smiegħ xieraq taħt artikolu 39(1) u (6). Il-prinċipju ta' smiegħ xieraq għandu bħala wieħed mill-komponenti essenzjali tiegħu t-tħaddim rejali tal-prinċipju tal-presunzjoni tal-innoċenza. Huwa inkompattibli ma' sistemi demokratiċi li jħaddnu s-sistema akkużatorja (a*dversarial*) u mhux dik porsekutorja, li qatt jista' jkollok smiegħ xieraq mingħajr dan il-prinċipju. Dan il-prinċipju, flimkien ma sett ta' prinċipji oħrajn huma garanzija ta' smiegħ xieraq (ara **Sentenza fl-ismijiet Christopher Bartolo -vs- Avukat Ġenerali tat-22 ta' Ġunju 2021, Prima Awla [Sede Kostituzzjonali],** tinsab Appellata).

**32.** Il-Qorti tkompli ssaħħaħ il-fehma tagħha li hekk hi l-posizzjoni, fost oħrajn, minn dak li ntqal fir-rigward ta' artikolu 4 tas-sebgħa Protokoll. La

darba l-Qrati jargumentaw li l-prinċipju ta' smiegħ xieraq huwa trattat mill-Konvenzjoni f'artikolu għalih, propju biex iżomm il-prinċipji li jħaddnu dawn iż-żewġ artikoli distinti minn xulxin, *a' contrario sensu,* la darba li kemm il-prinċipju ta' smiegħ xieraq u presunzjoni ta' innoċenza huma fl-istess artikolu, il-konklużjoni loġika hija waħda: li huma dipendenti u jikkumplimentaw lil xulxin, b'mod li ma jistax ikollok wieħed mingħajr l-ieħor.

**33.** Anke l-Qorti Kostituzzjonali fil-każ ta' Noel Arrigo ħasset li dan kien ir-raġunament ġust tant li qalet hekk:

*"Illi, ladarba dina l-Qorti waslet ghall-konkluzjoni illi gie lez id-dritt fundamentali ta' l-appellanti ghall-prezunjoni ta' l-innocenza taghhom garantit mill-Artikoli 39(5) talKostituzzjoni u 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropea, u in vista tal-principju stabbilit illi "… the presumption of innocence enshrined in Article 6(2) of the Convention is one of the elements of a fair criminal trial guaranteed by Article 6(1)", isegwi necessarajament illi gie lez ukoll id-dritt fundamentali ta' l-appellanti ghal "smiegh xieraq" garantit bl-Artikoli 39(1) tal-Kostituzzjoni u 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea".*

**34.** Dan huwa ukoll konkordi mas-Sentenza tal-ECHR. L-explanatory notes jgħidu :

"*Nevertheless, a person's right to be presumed innocent and to require the prosecution to bear the onus of proving the allegations against him or her forms part of the general notion of a fair hearing under Article 6 § 1 of the*

*Convention which applies to a sentencing procedure (ibid., §§ 39- 40; Grayson and Barnham v. the United Kingdom, §§ 37 and 39).”*

**35.** Huwa ċar li dak li jingħad mill-Qorti Ewropeja fuq dan id-dritt huwa similment applikabbli għall-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni. Dan ifisser li anke fir-rigward tal-ksur tal-artikoli 39(1) u 6(1) tal-Kostituzzjoni u Konvenzjoni rispettivament, dawn ukoll ġew miksura.

<u>Il-Bqija tal-ilmenti</u>

**36.** Dwar il-bqija tal-ilmenti, fir-rigward tal-artikolu 39(2) ma hemmx ksur peress li dan jirrigwarda smiegħ xieraq fi proċeduri Ċivili. Il-każ li għandha din il-Qorti huwa wieħed penali għar-raġunijiet diġa’ spjegati aktar ‘il fuq. Wara li eżaminat l-atti, il-Qorti ma ssibx li hemm xi ksur tal-artikolu 39(6) tal-Kostituzzjoni.

**Decide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta’ u tiddeċiedi l-ilment Kostituzzjonali imqanqal mill-konvenut permezz tar-rikors tat-2 ta’ Ottubru 2018 bil-mod segwenti:

**Tiddikjara** li bid-digriet tat-30 ta’ Ottubru 2015, Rikors numru 501/2015LSO fl-atti tal-Mandat ta’ Inibizzjoni numru 501/2015/1 fl-ismijiet Josephine Cutajar -vs- Mark Vella għar-raġunijiet fuq spjegati ġew leżi d-drittijiet fundamentali tal-imsemmi Mark Vella kif imħarsa minn artikoli

39(1)(5) u (9) tal-Kostituzzjoni u minn artikoli 6(1) u (2) u artikolu 4 tas-sebgħa Protokoll tal-Konvenzjoni.

F'dan l-istadju din il-Qorti ma għandha ebda rimedju x'tagħti. Id-dikjarazzjoni tal-ksur fuq imsemmija, hija rimedju fiha nnifisha ħlief din is-sentenza ma tistax ma tittieħidx in konsiderazzjoni aktar 'il quddiem fil-proċeduri tar-rikors ġuramentat odjern.

Spejjes ta' dan l-ilment Kostituzzjonali riservati għal mas-sentenza finali fil-mertu propju tal-Kawża.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**